MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 889/2009

***C& H Bartoli Limited
(C 383)***

***Vs***

***Fithome Limited (C5101)
u Alfred Vella f'ismu stess
u okorrendo ghan-nom ta' l-istess Fithome Limited***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li ddikjarat li kienet bieghet tapit lill-konvenut bi prezz ta' mitejn wiehed u erbghin Ewro sebgha u ghoxrin centezmu (€241.27). Illi l-konvenuti offrew illi jhallsu ghal ewwel, izda spiccaw ma hallsux. Minhabba f'hekk il-kumpanija attrici baghtet ittra ufficjali datata 15 ta' April, 2009.

Illi, wara li ntbaghtet l-ittra ufficjali, l-konvenuti baghtu chaque tas-sorte, izda ma riedux ihallsu l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali. Is-socjeta' attrici baghtet lura c- chaque u regghet interpellat b'ittra legali tat-22 ta' Mejju, 2009 biex ihallsu l-ispejjes u s-sorte. Nonostante din l-ittra interpellatorja, il-konvenuti ma hallsux dak li kellhom jhallsu – kapital u spejjes.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal biex joghgbu jikkundanna lill-konvenuti, cioe' Alfred Vella (ID 18758 M) u *Fit Home Limited* ihallsu s-somma ta' mitejn wiehed u erbghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€241.27), prezz ta' tapit mibjugh u kkonsenjati lilha mis-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu ukoll s-somma ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25), spejjes legali ta' l-ittra legali, u hamsin Ewro (€50) ghall-ispejjez legali b'kollox tlett mija u sittax-il Ewro u disghin centezmu (€316.90), bl-ispejjes tal-prezenti procedura u tal-mandat kawtelatorju u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 2009, kif ukol l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 2009.

Ra r-risposta tal-konvenuti li primarjament ecceppew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-konvenut eccepixxa ukoll illi mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, inoltre lanqas m'huwa car kif jirrizulta l-ammont ta' tlett mija u sittax-il Ewro u disghin centezmu (€316.90).

Illi, minghajr pregudizzju, s-socjeta' konvenuta taf li l-hlas sar biss f'April, 2009 stante li x-xogholijiet ma sarux sew da parti taghhom u kienu ghaddejjin bit-trattazzjonijiet.

Illi minghajr pregudizzju, il-hlas tas-sorte sar, izda gie rrifjutat mis-socjeta' attrici u dan minghajr ma taw raguni valida.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Victor Markhom, li kien jokkupa l-kariga ta’ *salesman fis-showroom* tas-socjeta’ attrici. Ighid li kienet saret ordni ghal tapit minghand is-socjeta’ attrici minn Alfred Vella, li kien ghazel tapit tal-marka *Discovery*. Kienet baghtet lill-impjegati taghha sabiex iqeghdu dan it-tapit.

Kien ghad hemm kont pendenti u kien ghalhekk li kien ghamel kuntatt mal-konvenut sabiex ihallas u dan ta’ l-ahhar kien wieghdhom li kien ser ihallas immedjatament, izda dan qatt ma sehh u l-kont baqa’ pendenti. Dan kollu sehh ghal habta tas-6 ta’ Jannar, 2009.

Kien ghalhekk li kien ivverifika mal-*accounts*, li kienu nfurmawh li ma kienx sar hlas u ghalkemm rega’ ghamel kuntatt mal-konvenut Vella dan kien qallu li l-klijent tieghu ma kienx kuntent bil-kwalita’ u l-kulur tat-tapit. Pero’ kien jidher li kien hemm xi problemi ohra minhabba li l-konvenut stess kien ghazel il-kulur tat-tapit u l-kwalita’ ukoll.

Ra x-xhieda ta’ Anne Antignioli li tahdem mad-dipartiment tal-*accounts* mas-socjeta’ attrici.

Tikkonferma li l-konvenut Vella kien direttur tas-socjeta’ konvenuta u tghid li baghtu diversi ittri fejn is-socjeta’ attrici talbet pagament.

L-*invoices* kienu kollha hargu fuq Alfred Vella u s-socjeta’ *Fithome Limited.*

Kien hemm pagament, pero’ ma kienux thallsu l-ispejjez legali u kien ghalhekk li s-socjeta’ attrici kienet baghtet ittra legali u regghet baghtet ic- chaque lura sabiex jinhareg wiehed inkluz bl-ispejjez legali, izda l-konvenuti baqqghu m’ ghamlux pagamenti. Ix-xhud tiddikjara li s-socjeta’ attrici kienet qed titlob mitejn wiehed u erbghin Ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€241.27), hamsa u

ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€25.63) ghal ittra legali, hamsa u ghoxrin Ewro (€25) ghall-ispejjez legali u hamsa u ghoxrin Ewro (€25) ghall-ispejjez legali ohra, b'hekk qed jintalab total ta' tlett mija u sittax-il Ewro u disghin centezmu (€316.90).

Ra x-xhieda tal-konvenut Alfred Vella, li jispjega kif kienu ordnaw tapit ghall-klijent taghhom Dr Francis Zammit Dimech u meta twahhal kien mar il-Perit tal-Dr Zammit Dimech, li ma kienx kuntent bit-“*trimmings*” ta' dan it-tapit.

Il-Perit kien mar jara dan it-tapit xi tlett xhur wara li twahhal it-tapit.

Ix-xhud ighid li ma kienx konvint li t-tapit kien tpogga sew u dan minhabba li t-trufijiet ma kienux jidhru kif suppost.

Ighid li kien ghalhekk li kien hareg ic- chaque, b'rizerva illi jekk il-Perit ma jkunx soddisfatt bix-xoghol, kellhom jirrifondu lura l-flus jew alternattivament jitnehha t-tapit u x-xoghol isir kif suppost.

Ma setax jiftakar jekk kienx ghamel dina r-rizerva bl-miktub. Kienet baghtet l-ewwel *invoice* fejn l-ammont li kienet qed titlob is-socjeta' attrici kienet ta' mitejn wiehed u disghin Ewro (€.291), u ma kienitx qed titlob l-interessi. Li

jiftakar pero' kien li fuq it-tieni *invoice* kienu tawh discount ta' 30% (tletin fil-mija) u dan peress li kienet inholqot dina l-problema. It-total kien ta' mitejn wiehed u erbghin Ewro (€241). Kien biss meta s-socjeta' attrici baghtet lura c-chaque li bdiet titlob l-interessi.

Il-Perit ma kienx soddisfatt bix-xogholijiet u l-uniku rimedju kien li jaghmel virga tar-ramm u jaghmel “*profile pack*” u fil-fatt hekk ghamel.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li l-konvenut Alfred Vella mhuwiex il-legittimu kontradittur, jirrizulta li s-sur Vella kien direttur tas-socjeta' konvenuta u meta saret l-ordni ghat-tapit, sar mas-socjeta' konvenuta. Aktar minn hekk, kwalsiasi invoice u ittra li ntghatu kienu indirizzati lill-konvenut Vella pero' kjarament fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' konvenuta.

Meta sussegwentement inhareg ic- chaque fl-ammont ta' mitejn wiehed u disghin Ewro (€291), inhareg f'isem is-socjeta' konvenuta u mhux f'isem il-konvenut personalment.

Ghalhekk, din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha u l-konvenut Vella in kwantu imharrek personalment qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li mhuwiex car kif waslu ghal ammont pretiz ta' tlett mija u sittax-il Ewro u disghin centezmu (€316.90). It-Tribunal ma jistax jaqbel mal-konvenuti fuq dina l-eccezzjoni, ghaliex gie kkonfermat mis-socjeta' attrici li kien hemm ordni ghal tapit li kien jiswa' mitejn wiehed u erbghin Ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€241.27), u peress li ghal perjodu ma sarx pagament, kienu gew inkluzi l-ispejjez legali li kienet inkorriet is-socjeta' attrici, kif ukoll spejjez li kienet harget ghall-hlas ta' ittra ufficjali. Is-socjeta' attrici pproduciet kopja tal-ittra ufficjali li nharget fil-15 ta' April, 2009, kif ukoll recevuta ta' l-ispejjez, kif ukoll l-ittra mibghuta minn Dr David Harding. Dawn l-ispejjez fuq kollox gew ikkonfermati minn Anna Antignoli, li tahdem mal-"*accounts department*" tas-socjeta' attrici.

Ghalhekk, it-Tribunal jinsab konvint li kien hemm spjegazzjoni ghall-ammont pretiz mis-socjeta' konvenuta.

Dwar it-tielet eccezzjoni, t-Tribunal ser jikkunsidra jekk hix gustfikabbli l-verzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta li

kienu hallsu tard ghaliex ma kienux soddisfatti bix-xoghol u kienet ghamlet l-istess premessa.

Mill-provi prodotti, jidher li originarjament, is-socjeta' konvenuta kienet ordnat tapit tal-marka "*Toledo*," pero' ma kienitx konvinta fuq il-kwalita' tal-istess u kien ghalhekk li kienet minflok ordnat tapit tal-marka "*Discovery*." Is-socjeta' attrici kien hawn li kienu tawhom skont ta' 30.50% (Tletin punt hamsa fil-mija), skont li rarament kienu jaghtu. Dan kien sar bi ftehim ma' Clyde Agius, li kien jahdem mas-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta jew minn minnhom qed tinsisti li kienu hallsu tard ghaliex kien hemm trattativi bejniethom peress il-Perit li kien inkariga l-klijent

taghhom Dr Francis Zammit Dimech, ghal min kien inxtara dan it-tapit, ma kienx soddisfatt bit-tapit, peress li kien hemm problema bit-"*trimmings*."

Huwa minnu li l-ilment da parti tal-perit sar biss ghal habta ta' Jannar, 2009 pero' l-perit sab rimedju u ssuggerixxa illi ***"a good carpet fitter should be able to stitch or do whatever it needs to finish it off properly."***

Dina l-unika spejgazzjoni li setghu jaghtu l-konvenuti ghal pagament tard, pero' fl-ebda stadju tal-provi ma tressaq il-perit sabiex jikkonferma li kien tal-parir li sakemm ix-xoghol isir sew ma kellhomx ihallsu lis-socjeta' attrici.

Aktar mhuwiex konvint minn dina l-verzjoni tal-konvenuti, ghaliex l-istess Vella jghid li ma kienx cert jekk dan il-ftehim kienx sar bil-miktub u t-tieni nett ghaliex aktar tard, is-socjeta' konvenuta ghamlet pagament ta' mitejn wiehed u erbghin Ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€241.27) u dan per se huwa konferma li x-xoghol kien soddisfacenti.

Fuq dan il-pagament ukoll, il-konvenuti eccepew illi l-hlas kien gie rrifjutat mis-socjeta' attrici minghajr ebda raguni valida. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma' din l-ipotesi tal-konvenuti u dan peress li c- chaque kien gie rrifjutat peress li ma kienx jinkludi l-ispejjez legali li kienet qed

titlob is-socjeta' attrici u dan meta kienet ghal diversi drabi indikat li kien hemm dawn l-ispejjez meta kienet qed titlob li jithallas il-bilanc. Ghalhekk, ghal darb'ohra dan it-Tribunal ihoss li dina l-eccezzjoni ma gietx ippruvata.

It-talbiet attrici ghalhekk jimmeeritaw li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi

(i) jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Vella u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes a kariku tas-socjeta' attrici;
(ii) tichad it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni u konsegwentement tilqa' t-talba attrici fl-intier taghha bl-ispejjez relativi a kariku tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------